# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum 19 ta' Ottubru, 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Charlotte Curmi)**

**vs**

**Omissis**

**Kumpilazzjoni Nru: 466/2017**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Omissis;

Akkuzat talli:

1. F'dawn il-gzejjer nhar it-18 ta' Ottubru 2017 u/jew fil-granet ta' qabel permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jaghmel xi reat;

2. Aktar talli kkaguna lil Onor. Marlene Farruga MP, biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha, jew kontra l-persuna jew l-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti, liema reat huwa aggravat jew motivat fuq bazi ta' generu, identita' tal-

generu, orjentazzjoni sesswali, razz, kulur, lingwa, origini etnika, religjon, jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni ohra fi hdan it-tifsira moghtija fis-sub artikolu 3 sa 6, it-tnejn inkluzi tal-artikolu 222A;

3. Akkuzat ukoll talli fl-istess cirkostanzi insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor mhux imsemmijin fil-Kodici Kriminali lil Onor. Marlene Farrugia MP;

4. Kif ukoll talli bil-mezz ta' karta miktuba, hedded lil Onor. Marlene Farrugia MP b'xi delitt, b'dana illi r-reat huwa aggravat jew motivat fuq bazi ta' generu, identita' tal-generu, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, origini etnika, religjon, jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni ohra fi hdan it-tifsira moghtija fis-sub artikolu 3 sa 6, it-tnejn inkluzi tal-artikolu 222A;

5. Aktar talli permezz ta' publikazzjoni jew tqassim ta' stampat jew bil-mezz ta' xandir, hedded, insulta, jew esponsa ghal mibgheda, persekuzzjoni jew disprezz, lil Onor. Marlene Farrugia MP, minhabba l-generu, l-identita' tal-generu, l-orjentazzjoni sesswali, ir-razza, il-kulur, il-lingwa, l-origini etnika, ir-religjon, jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni ohra.

Il-Qorti giet  mitluba illi f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Onor. Marlene Farrugia MP jew individwi ohra jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew individwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat u dan ai termini tal-artikoli 412C.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat Omissis, ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjoniijet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qortti taghtu zmien jikkunisdra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat id-dokumenti esebieti mill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena hemm diversi fatturi x'jittiehdu in konsiderazzjoni.

Illi b'applikazzjoni ta'l-artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-ewwel, ir-raba u l-hames imputazzjonijiet ghandhom jitqiesu bhala mezz ai fini tat-twettieq tat-tieni imputazzjoni. Aktar minn hekk it-tielet imputazzjoni hija assorbieta fit-tieni imputazzjoni, konsegwentement il-Qorti trid timponi piena ghar-reat kontemplat fit-tieni imputazzjoni. Ai termini tal-proviso ta'l-artikolu 251(3) tal-Kapitolu 9 u tenut kont ta' dak provdut f'l-artikoli 251(2), 250(2) u 251D ta'l-istess Kapitolu 9 il-piena applikabbli tibqa dik ta' bejn tmintax il-xahar u hames snin prigunerija. B'applikazzjoni ta'l-artikolu 37 tal-Kapitolu 9 pero din il-piena ghandha titnaqqas bi grad jew tnejn.

Illi bla dubbju dawn odjerni huma reati serji u li l-piena erogata trid tirrifletti din il-gravita. Min-naha l-ohra l-Qorti trid bil-fors ukoll tiehu in konsiderazzjoni mhux biss l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta, imma ghandha tapplika ukoll l-artikolu 37 fuq imsemmi stante li l-imputat huwa minorenni. Fatturi ohra relevanti huma dawk li l-imputat skuza ruhu personalment mal-parte civile ftit wara l-akkadut u rega' tenna l-istess skuzi quddiem din il-Qorti, u li l-parte civile mhux qed tinsisti fuq piena karcerarja effettiva purche l-imputat jifhem u japprezza il-gravita ta' ghemilu.

Illi tenut kont tas-suespost il-Qorti hija tal-fehma li ghandha timponi sentenza ta' prigunerija sospieza u li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 37 tnaqqas il-piena applikazbbli bi grad wiehed, b'mod li l-parametri jkunu bejn tlettax

il-xahar sa erbgha snin prigunerija. Il-Qorti ser tilqa ukoll it-talba tal-prosekuzzjoni u timponi ordni ta' trazzin fil-konfront ta' l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 37; 251(3) flimkien ma'l-artikoli 251(2), 250(2), 251D u 222A; 249 u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 3 u 6 tal-Kapitolu 289 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikolu 49(d) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah tmintax il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' tlett snin. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikoli 382A u 412C ta'l-istess Kapitolu 9 biex tipprovdi ghas-sigurta ta' l-Onorevoli Marlene Farrugia qed tpoggi lill-imputat taht ordni ta' trazzin ghal perjodu ta' tlett (3) snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghtoija.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**